C/2025/4349

31.7.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Case M.12069 — BAIN CAPITAL CREDIT / ICG / STUDY GROUP)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/4349)

1. Fit-23 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Bain Capital Credit L.P. ("Bain Capital Credit", l-Istati Uniti), ikkontrollat minn Bain Capital, LP ("Bain Capital", l-Istati Uniti),

— Intermediate Capital Group plc ("ICG", ir-Renju Unit),

— SG Global Midco Limited ("Study Group", ir-Renju Unit), ikkontrollat minn Ardian (Franza).

Bain Capital Credit u ICG se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1), punt (b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tat-totalità ta' Study Group.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Bain Capital Credit hija speċjalista globali tal-kreditu u hija attiva madwar l-Ewropa, l-Asja-Paċifiku u l-Istati Uniti,

— ICG hija maniġer tal-assi alternattivi globali f'ekwità strutturata u privata, dejn privat, assi reali, u kreditu bbażata madwar l-Ewropa, l-Asja-Paċifiku u l-Istati Uniti,

— Study Group jipprovdi servizzi edukattivi mmirati lejn it-tħejjija ta' studenti internazzjonali għall-edukazzjoni għolja, madwar l-Ewropa, il-Kontinent Amerikan, l-Afrika u l-Asja-Paċifiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12069 — BAIN CAPITAL CREDIT / ICG / STUDY GROUP

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË